MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Talba Numru. 661/2010

**Fogg Insurance Agencies Limited C597 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha John Vella u l-istess John Vella u b'digriet tat-Tribunal tal-1 ta' Novembru 2012, id-direttorat tal-Infrastruttura u n-Network fi hdan Transport Malta gi korrett ghall-Awtroita ghat-Trasport f'Malta u b'digriet tat-Tribunal tat-3 ta' Frar 2015 isem is-socjeta' attrici gie mibdul ghal Argus Insurance Agencies Ltd.**

**vs**

**Kunsill Lokali Luqa**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-Socjeta' Attrici Argus Insurance Agencies ltd u l-Assikurat taghha John Vella qed jitolbu li l-Kunsill Lokali, Luqa jigi kundannat ihallashom il-*quantum* komplessiv ta' erba' mija, wiehed u disghin Ewro sitta u sebghin centezmi (€491.76c) in segwietu ghall-hsara mgarrba mill-vettura nru LCL 824 f'incident li sehh fi Triq Hal Tarxien, Luqa fit-22 ta' Jannar 2009 xi l-10:40pm minhabba xoghol traskurat u/jew mhux skond is-sengha u/jew minhabba nuqqas ta' senjaletika in konnessjoni mal-istess xoghol.

Ir-RISPOSTA tal-Kunsill kienet li ma kienx jahti ghall-incident imsemmi.

**Ra** li b'degriet tal-4 ta' Mejju 2011 giet imsejjha fil-kawza l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta. Din dahhlet RISPOSTA (*fol* 75) li tghid hekk:-

(1) Mhiex legittmu kontradittur ghax it-triq fejn sehh l-incident ma taqax taht ir-responsabilta' taghha ghax mhiex triq arterjali jew distributorja.
(2) Il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li jitqiesu flimkien ma dak kollu li hemm fil-process.

2. **WPC 271 Svetlana Bugeja** ipprezentat bhala Dok SV (*fol* 41) kopja tal-okkorrenza. Ir-rapport kien ghamlu John Vella li qal li tal-Kunsill kienu qalulu li r-responsabilta' kienet tal-ADT. Il-post tnizzel bhala quddiem Miller Distributors Ltd, Triq Tarxien, Luqa.

3. **John Vella** (*fol* 44,82,124) spjega kif kien dahal f'hofra u nfaqghulu zewg tyres u biddel *shock absorbers*. Mar l-Ghassa ta' Hal Luqa. Spjega kif mill-Kunsill Lokali, Luqa baghtuh l-ADT u esibixxa emails (Dok JV1 u 2 *a fol* 46 *et seq*). Kif kienet bl-ilma, il-hofra ma setax jaraha. Speed 50/60 kfs. Hu kellu dik il-car biss u kien juzaha ghall-bzonnijiet tax-xoghol ecc. Ta wkoll dettalji dwar il-hsara.

4. **Simon Paris** xehed b'affidavit (*a fol* 56) u qal li hu *Claims Manager* mas-Socjeta' Attrici issa ARGUS u ta spjegazzjoni dwar il-*claim* miftuha mill-assikurat, l-Attur John Vella. Inkarigaw lil Walter Vella, *Registered Motor Vehicle Surveyor* biex jaghmel *survey* fuq il-vettura assikurata. Hu esibixxa bhala Dok SP1-9 id-dokumenti relativi (*a fol* 59 *et seq*) kompriza korrispondenza mal-Kunsill Lokali Luqa u l-ADT.

5. **Walter Vella** ikkonferma d-Dok SP1. Qal li l-hsarat li sab kienu kompatibbli ma daqqa go hofra. Bil-hsarat li kellha l-vettura "jekk tinsaq id-danni ma jigux aggravati imma mhux *safe* li ssuqha. Mhux se sservi ghal tul ta' hin".

6. **Nicholas Baldacchino**, Manager Legal Support ma Transport Malta qal li f'Hal Luqa jaqghu taththom biss Triq il-Kunsill tal-Ewropa u Vjal l-Avjazzjoni. Fejn gara l-incident jaqa taht il-Kunsill Lokali, Luqa. Esibixxa fir-rigward Dok NB1 mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar (*fol* 90), Dok NB2 – estratt mill-*Yellow Pages*, Dok NB3 estratt mill-MEPA, Dok NB4 – ricerka fuq il-MEPA maghmula mix-xhud, u Dok NB5 – 10 dwar hlas ta' xoghol li kien jispetta lilhom li jsir. Fir-rigward kien hemm Renald Zammit bhala Field Officer.

7. **Renald Zammit**, *Field Officer* ma TM qal li xoghlu jdur mat-toroq ta’ Malta biex jara x’xoghlijiet ikun hemm bzonn. Fuq Dok NB7 hemm il-firma tieghu. Hu gie kontro-ezaminat sew mis-Socjeta’ Attrici kif ukoll mill-Kunsill ta’ Hal Luqa u spjega t-tiswijiet li saru li kellhom isuru minn TM (ara *fol* 114/116).

8. **Michael Portelli** qal li meta gara l-incident ma kienx Segretarju esekutiv tal-Kunsill Lokali ta’ Hal Luqa – kariga li kien jokkupa meta xehed (3/2/2015). Ghalhekk kien qed jixhed mill-*file* relativ. Ma sab xejn dawar il-hofor li ssemmew.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL qies bir-reqqa l-provi migjuba quddiemu u qies ukoll is-sottomissjonijiet tad-difensuri u wasal ghall-konkluzzjonijiet hawn imfissra.

2. L-ewwelnett John Vella ma jahti xejn li gralu l-incident konsistenti f’tisbita go hofra. Din ma setax jaraha meta tqis li kien id-dlam u kienet mimlija ilma. Anqas jirrizulta xi *speed* irragjonevoli. Dik il-hofra kienet nasba ghas-sewwieqa u fil-fatt hu semma li ra fit-triq xi sewwieqa ohra mal-genb f’attitudni ta’ min jiccekkja ghal xi hsara fil-vettura.

3. Dwar l-entita’ tal-hsara, mix-xhieda tal-istess John Vella, ta’ Simon Paris ghas-Socjeta’ Attrici u tas-Surveyor Walter Vella mehuda flimkien, il-*quantum* mitlub hu ghal kollox gustifikat.

4. Tibqa l-problema ta’ min ser igorr il-piz, hux il-Kunsill Lokali, Luqa jew Transport Malta. Fil-fehma meqjusa tat-Tribunal, l-Imsejjha fil-Kawza ppruvat soddisfacentement li t-tiswija ta’ dik il-hofra kienet fir-responsabilta’ tal-Kunsill Lokali, Luqa.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jilqa** l-eccezzjonijiet tal-Imsejjha fil-Kawza (2) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali Luqa (3) **jilqa** t-TALBA tal-Atturi fil-konfront tal-Kunsill Lokali, Luqa u jikkundannah ihallas il-*quantum* ta’ erba’ mija sitta u tletin Ewro hamsa u sebghin centezmi lis-Socjeta’ Attrici Argus Insurance Agencies Ltd u hamsa u hamsin Ewro (€55) lill-Attur John Vella u dana bl-imghax mill-24 ta’ Mejju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jikkundanna** lill-Kunsill Lokali Luqa jhallas l-ispejjes tal-kawza kollha u dawk mitluba fl-AVVIZ hlief dawk tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta li, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa fil-konfront taghha.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------